# BALLATA

*Ta'* Ros. Briffa

"Fejn kont għażiż ibni, għażiż ibni xi ġralek;
Għaliex qsamt imwerwer il-għatba ta' darek?"—
"Kont nimraħ fil-wied; fil-wied għażiż'ommi
Tkexkixt jiena b'dehra ta' ċapep ta' demm."

"Fil-wied għażiż ibni, għażiż ibni minn fejn
Iċ-ċapep ta' dmija li kexkxu l-għajnejn?"—
"Minn dak li nsobt jiena w qtilt għażiż'ommi
Id-dehra li tkexkex ta' ċapep ta' demm."

"Xi nsobt għażiż ibni, għażiż ibni xi qtilt,
Għaliex hekk imwerwer, f'ġieh Alla x'għamilt?"—
"Jien qtilt lil żewġ oħti, żewġ oħti għażiż'ommi
Li temm ħajjet oħti bla ċapep ta' demm."

"Għaliex għażiż ibni, għażiż ibni għaliex
Meddejt taħt il-Forka ta' ħajtek il-friex?"—
"Ħanina l-Mewt kiefra trid tnessi għażiż'ommi
Id-dehra faħxija ta' ċapep ta' demm."

15. 7. 45.